MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 581/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**
**vs**

**1. Venille Company Limited (C17269)**

**2. Joseph u Catherine mizzewgin Spiteri (I.D. nri. 392028(M) u 771835(M))**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-bank attur fil-5 ta' Gunju, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat, datati fit-8 ta' Marzu 2006 u fis-27 ta' Frar 2007 (Dok. 'A' u 'B') is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta' Venille Limited;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta’ Venille Limited fis-somma ta’ miljun, tlieta u tmenin elf, sitt mija u erbatax-il Ewro u sittin centezmu (€1,083,614.60) ekwivalenti ghall-erba’ mija u hamsa u sittin elf, mija u hamsa u disghin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm465,195.75) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tas-socjeta’ Venille Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “C1 sa C2”, Dok. “D1 sa D3”) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-19 ta’ Mejju 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta’ kuntratt datat fis-27 ta’ Frar 2007 in atti Nutar Dottor Robert John Muscat (Dok. ‘B’) il-konvenuti Joseph u Catherine mizzewgin Spiteri iggarantew flimkien u “in solidum” mas-socjeta’ Venille Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valetta p.l.c. id-debiti ta’ l-istess Venille Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebit bhala Dokument “A u B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi is-socjeta’ Venille Company Limited u Joseph u Catherine mizzewgin Spiteri
(a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess socjeta’ Venille Company Limited u ta’ Joseph u Catherine mizzewgin Spiteri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;

5. Illi l-atturi nomine jafu bil-fatti fuq imsemmija personalment;

6. Illi s-socjeta’ konvenuta Venille Company Limited u Joseph u Catherine mizzewgin Spiteri gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati fis-17 ta’ Marzu 2008 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "E" u “F”, sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn

baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Talab ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarzzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A u B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi is-socjeta' Venille Company Limited u Joseph u Catherine mizzewgin Spiteri (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Venille Company Limited u Joseph u Catherine mizzewgin Spiteri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;

2. Tikkundanna lil Venille Company Limited u Joseph u Catherine mizzewgin Spiteri jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' miljun, tlieta u tmenin elf, sitt mija u erbatax-il Ewro u sittin centezmu (€1,083,614.60) ekwivalenti ghall-erba' mija u hamsa u sittin elf, mija u hamsa u disghin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm465,195.75) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tas-socjeta' Venille Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C2" u "D1 sa D3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-19 ta' Mejju 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati fis-17 ta' Marzu 2008 u tal-Mandati ta' Sekwestru kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tax-xhieda tal-Bank attur;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw risposta guramentata u b'hekk baqghu kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil PL Francesca Scerri ghall-Bank attur fis-seduta tat-8 ta’ Ottubru, 2008 tikkonferma bil-gurament illi l-bank attur sa dakinhar baqa ma thallas xejn minghand il-konvenuti;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta' miljun, tlieta u tmenin elf, sitt mija u erbatax-il Ewro u sittin centezmu (€1,083,614.60) ekwivalenti ghall-erba' mija u hamsa u sittin elf, mija u hamsa u disghin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm465,195.75) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tas-socjeta’ Venille Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.; bl-ispejjez kontra l-konvenuti, flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-19 ta' Mejju 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------